**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 30**

**30 ta' Ġunju 2021**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar l-Erbgħa, 30 ta' Ġunju 2021, permezz ta' video conferencing fuq ZOOM.

**PREŻENTI:**

Dr Josef Masini Vento –Sindku

Jerome Caruana Cilia - Kunsillier

Ralph Puli – Kunsillier (permezz ta' Video Conferencing)

Daniel Ablett – Kunsillier

Carmelo Cuschieri – Kunsillier

Marvin Zammit – Kunsillier

Dr Sean Apap Meli – Kunsillier

Abigail Sammut - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**

Donnha Barbara – Viċi Sindku

George Muscat - Kunsillier

Martina Grech – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ippresjeda l-laqgħa.

**30.1 Komunikazzjoni mis-Sindku**

30.1.1 Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma l-kuntrattur responsabbli mit-tindif fit-toroq mhux urbani mhux qed jagħti s-servizz mitlub għaldaqstant mhux jonora l-kuntratt. Is-Sindku nfurma li dan in-nuqqas qed joħloq pressjoni fuq il-ħidma tal-Kunsill u għaldaqstant għandha tinħareġ *default notice* u jekk dan in-nuqqas jibqa' jippersisti għandu jitqabbad kuntrattur ieħor u l-ammont jitnaqqas lill-kuntrattur.

Il-Kunsill approva li tinħareġ default notice u jittieħdu l-passi kollha kif titlob il-liġi.

Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli nfurma li l-istess problema qed tinħass fuq il-kuntratt tal-ġonna u soft areas, fejn ċertu lmenti ilhom jitressqu għal bosta ġimgħat issa. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-ilmenti kollha qed jiġu mgħoddija lill-kuntrattur permezz ta' bosta email, fejn l-ilmenti qed ikunu spiss repetuti.

Wara diskussjoni bejn il-Membri ġie maqbul li tinħareġ it-tielet default notice u jittieħdu l-passi kollha sabiex dan il-kuntratt jiġi terminat.

**Evaluation Reports – Tenders**

**Restoration Works St Joseph Statue in Triq il-Vitorja**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippresentat r-rapport ta' Evalwazzjoni mħejji mill-Bord.

Il-Kunsill approva b'mod unanimu ir-rakkomandazzjoni tal-bord. Ir-rapport ta' evalwazzjoni ġie approvat.

**Services for the Collection of Bulky Refuse in the locality of Ħal Qormi**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippresentat r-rapport ta' Evalwazzjoni mħejji mill-Bord.

Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli rrimarka li l-impjegat tal-Bulky Refuse, minkejja li qed jagħti servizz tajjeb, qed jispiċċa jħammeġ iz-zona ta' Fuq Tal-Blat b'kull xorta ta' skart goff.

Il-Kunsill approva b'mod unanimu ir-rakkomandazzjoni tal-bord. Ir-rapport ta' evalwazzjoni ġie approvat.

**Works for the Renovation of Misraħ iż-Żebbuġ**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippresentat r-rapport ta' Evalwazzjoni mħejji mill-Bord.

Il-Kunsill approva b'mod unanimu ir-rakkomandazzjoni tal-bord. Ir-rapport ta' evalwazzjoni ġie approvat.

**Services for Architect for the Ħal Qormi Local Council**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippresentat r-rapport ta' Evalwazzjoni mħejji mill-Bord.

Il-Kunsillier Daniel Ablett staqsa bħala servizz mal-Perit attwali kif inhu għaliex jekk hemm bżonn bidla, issa ċ-ċans.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li jkollha ħafna diffikultajiet minħabba d-dewmien. Il-Kunsillier Ralph Puli qal li kien hemm bosta episodji fejn il-Kunsill ma kienx sodisfatt fosthom id-dewmien fuq il-pjazza ta' San Pietru, l-kwistjoni tal-pjazza ta' quddiem il-Knisja z-Żgħira, Triq San Pawl.

Il-Kunsillier Sean Apap Meli qal li finalment ix-xogħol mhux isir mill-Perit li tefa' l-bid, iżda minn periti juniors tiegħu, fosthom il-kwistjoni ta' Triq il-Wied, fejn kien hemm l-issue tal-ilmijiet u ntbagħtu periti oħra u hu ma ġiex.

Il-Kunsillier Marvin Zammit qal li l-perit għandu kumpanija. Il-Kunsillier Daniel Ablett qal li l-bid intefgħet f'ismu u mhux fuq il-kumpanija u għaldaqstant il-Kunsill jipretendi s-servizz tiegħu u mhux ta' juniors. Il-Kunsillier Marvin Zammit qal li jista' jagħti l-każ li l-kumpanija qegħda fuq ismu u xejn ma żżomm persuna milli jitfa' tender.

Il-Kunsillier Marvin Zammit ġibed l-attenzjoni li f'kull kuntratt hemm il-kundizzjonijiet u jekk ikun hemm nuqqasijiet jinħarġu d-default notices. Il-Kunsilier Daniel Ablett qal li huwa mportanti li dawn il-punti jitressqu għall-attenzjoni tal-Perit, sabiex ikun infurmat li l-Kunsill mhux kuntent b'dan is-servizz.

Il-Kunsillier Ralph Puli staqsa dwar l-istat ta' Pjazza San Bastjan. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Perit Lewis qatt ma qabel li jsir l-anti-skid u għaldaqstant ma ċċertifikax ix-xogħlijiet. Il-Kunsillier Ralph Puli staqsa jekk il-Perit tax soluzzjoni oħra. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-parir kien li l-pjazza tinqala' mill-ġdid u b'hekk il-Kunsill ikun rama nofs miljun ewro a spejjeż tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li meta l-Perit jiċċertifika x-xogħlijiet, jiċċertifika li x-xogħlijiet ikun saru skont kif mitlub fit-tender document, issa jekk meta kienu qed isiru d-diskussjonijiet dwar il-proġett tal-pjazza, l-Perit ta parir lill-Kunsill biex dak il-materjal

ma jintużax, hi ma tistax tgħid, għaliex kienet għadha ma daħlitx fil-kariga. Il-Kunsillier Carmelo Cuschieri, qal li l-pjazza kellha tiġi pavimentata iżda jidher li x-xogħol ma sarx bil-madum, iżda saret qoxra tal-konkos u wara saret l-imprint.

Il-Kunsillier Ralph Puli staqsa, meta saret il-laqgħa u l-Perit tal-Kunsill m'attendix, x'raġuni ingħatat? Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li trid tara l-korrispondenza. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li waħda mill-affarijiet li ddejjaqha hi l-fatt li jiċċertifika x-xogħlijiet fuq ir-ritratti. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li d-dewmien tas-servizz jeżasperaha għaliex mhux sew li biex ikollha Bill of Quantities tagħmel sentejn litteralment tibki. Il-Kunsillier Ralph Puli staqsa, għaliex il-fatt li l-Kunsill irid imur għall-orħos offerta u jrid joqgħod fuq ir-rakkomandazzjoni tal-bord, ikollu japprova xi ħaġa minħabba li tkun l-orħos offerta. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li jekk isir appell u l-bord tal-appelli tistaqsi, jekk qatt inħarġu Default Notices u nwieġbu fin-negattiv, l-bord jaqtagħha kontra l-Kunsill.

Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli qal li dan huwa l-istess argument li qajmu l-Graffiti, fejn qalu li l-Periti kollha jaħdmu ma Infrastructure Malta u għaldaqstant huma kollha 'mixtrija' b'mod indirett minn Transport Malta. Il-Kunsillier Marvin Zammit qal li dan huwa kunflitt ta' nteress u għaldaqstant għandha tiddaħħal klawsola li f'każ ta' kunflitt ta' nteress, il-perit għandu jirrekluża ruħu. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento qal li f'każ ta' kunflitt ta' nteress, dan il-kunflitt se jkun miegħu u m'għandha tiddaħħal l-ebda klawsola fil-kuntratt. Din bħalma ġara fil-każ tal-Imrieħel Bypass, fejn pretenda li l-Kunsill jikkonsultah meta huwa l-Perit ta' Infrastructure Malta.

Wara diskussjoni bejn il-membri, l-Kunsill approva ir-rakkomandazzjoni tal-bord għall-fatt li l-liġi ma tagħtinix alternattiva oħra.

Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa intemmet fit-8.00p.m. u ġiet aġġornata għat-**Tlieta, 3 ta' Awwissu 2021** fis-6.00p.m.

Konfermati,

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| Josef Masini Vento (Dr) | Karen Camilleri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |